MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Numru 440/1991

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Bartholomeo Mula)**
**(Spettur Pierre Calleja)**

**Vs**

**Richard Cilia, Michael Aquilina**
**u Noel Frendo**

Illum, it-Tlieta 30 ta` Gunju, 2009

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kompilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputati fuq l-akkuzi talli b'diversi atti maghmulin ukoll fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, talli:
(a) matul il-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Settembru, 1991, minn Bugibba limiti ta' San Pawl il-Bahar, ikkommettew

serq ta' mutur tal-marka Suzuki li jgib in-numru tar-registrazzjoni Q-5940M, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur, hin, lok, xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Reuben Aquilina minn Qormi u

(b) talli matul il-lejl bejn it-8 u d-9 ta' Settembru, 1991, minn B'Kara ikkommettew serq ta' mutur tal-marka Suzuki li jgib in-numru tar-registrazzjoni P-6193M, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur, hin, lok u xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Victor Fenech minn B'Kara u

(c) talli matul il-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Settembru, 1991, mill-Mellieha Bay limiti tal-Mellieha, ikkommettew serq ta' mutur tal-marka Yamaha Dt li jgib in-numru tar-registrazzjoni P-8198M, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur, hin, lok, xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' John Borg mill-Mellieha u

(d) talli f'diversi bnadi f'Malta, xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwestati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahhlu sabiex jbieghhom jew imexxuhom u

(e) talli fl-istess zminijiet, postijiet u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe il-muturi li jgibu numri tar-registrazzjoni Q-5940M, P-6913M u P-8198M ghad-detriment tas-sidien taghhom, liema hsara teccedi l-Lm50 izda ma teccedix il-Lm500 fl-ammont taghha u

(f) Talli fil-Mellieha u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer zammew u garrew strumenti li jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u

(g) Talli fil-Mellieha u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, m'obdewx l-Ordnijiet Legittimi tal-Pulizija, persuni nkarigati minn servizz publiku waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom u

(h) Nakkuzaw lil Noel Frendo u lil Richard Cilia talli fil-Mellieha u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' bejn l-10 u

l-11 ta' Settembru, 1991, u fix-xhur ta' qabel saqu mutur minghajr licenzja tas-sewqan b'hekk ma kienux koperti b'polza tas-sigurta' jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Semghet lill-imputati jirrispondu li mhux hatja tal-istess akkuzi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li permezz taggha peress li deherlu mill-istess kompilazzjoni li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputati taht dak li hemm mahsub

1) kontra Richard Cilia u Noel Frendo

a) fl-artikoli 18, 261(a)(b)(c)(e)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 271(g), 276, 277(b), 279, 334, 325, 338(ee) tal-Kodici Kriminali

b) fl-artikoli 2, 3, 19 tal-Kapitolu 66

c) fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65

d) fl-artikolu 3(1)(2) tal-Kapitolu 65 u

2) kontra Michael Aquilina

a) fl-artikolu 18, 261(a)(b)(c)(e)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 271(g), 276, 277(b), 279, 334, 325, 338(ee) tal-kodici Krimianli

b) fl-artikoli 2, 3, 19 tal-Kapitolu 66,

bghat lill-istess imputati sabiex jigu gudikati minn din il-Qorti f'nuqqas ta' oggezzjoni daparti tal-istess imputati (fol 154 tal-process).

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma ghandhomx tali oggezzjoni (ara verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru 1992 a fol 155 tal-process).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mix-xhieda tal-<u>Ispettur Gaetano Walker</u> (fol 30 et seq ibid), waqt pattuljament ghall-habta tat-3.30am fil-11 ta' Settembru 1991, hu kien irceva messagg illi <u>xi zghazagh</u> kienu qed jippruvaw jisirqu mutur fil-bajja tal-Ghadira, Mellieha. Ghalhekk, hu mar fuq il-post indikat oltre li ordna "unit" tal-Pulizija, komposta minn PC 517 u PC 576, sabiex tippostja ruhha fil-vicinanzi ta' Burmarrad u jwaqqfhu muturi li jkunu ghaddejjin minn hemm, ohrajn

sabiex jkopru l-“bypass” il-gdida fil-Mellieha waqt li x-xhud jmur sabiex jkopri t-triq l-antika fil-Mellieha. Kif ix-xhud kien nizel lejn l-Ghadira, hu kien gie informat illi l-Pulizija kienu qed jsegwu zewg (2) muturi li telghu mill-Bajja msemmija. Eventwalment wiehed minn dawn il-muturi nstab mahbut ma vettura tal-marka “Hillman Hunter”. Inoltre l-akkuzat Richard Cilia kien gie maqbud mill-Pulizija b’ “crash helmet” ta’ kulur ahdar f’idu (Dok GW ezebit in atti). Sussegwentement kien gie nformat minn PC 517 u PC 576 illi mutur kien qed jigi segwit fiz-zona tas-Salini, liema mutur gie mwaqqaf u fuqu kien hemm l-akkuzati l-ohrajn Noel Frendo u Michael Aquilina u li gew arrestati. Dwar l-akkuzat Richard Cilia, minn tfittxija li saret fuqu, instab mus (Dok GW1). Minn tfittxija li saret fuq l-akkuzati l-ohrajn, instabu ukoll zewgt imwies (Dok GW3) “bhal dak li nstab fuq Richard Cilia”. In rigward l-istess Richard Cilia, wara li dan kien gie debitament imwissi skond il-ligi u dan, verbalment, stqarr u spjega li kien gie deciz “… li jisirqu mutur iehor”. Difatti hu kien qed jsuq mutur bin-numru P6913, liema mutur li kien instab mahbut mal-vettura msemmija fuq, kien insteraq “xi granet qabel minn Santa Venera”. Sussegwentement, hu kien tkellem ukoll maz-zewg akkuzati l-ohrajn, dejjem wara d-debita twissija. Waqt li l-akkuzat Michael Aquilina ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda, l-akkuzat Noel Frendo kien stqarr, dejjem verbalment max-xhud illi l-mutur bin-numru F8198, li kien qed jintuza minnu fl-istess lejl, kien insteraq matul il-lejl in kwistjoni. Dwar dan il-kaz, l-investigazzjonijiet tkomplew mill-Ispettur Pierre Calleja (fol 37 u fol 63 et seq ibid) u x-xhud spjega illi wara li, verbalment, l-akkuzat Cilia kien, wara li nghata, ukoll, id-debita twissija skond il-ligi, dan kien spjegali dak kollu li kien gara matul l-istess lejl, kien ammetta mieghu li l-mutur li kien qed jinsaq mill-istess akkuzat kien insteraq minn Santa Venera. Sussegwentement meta kien irrilaxxja stqarrija bil-miktub (a fol 44 markata Dok PC) u fiha irrakonta, kif bil-partecipazzjoni tieghu, kienu nsterqu zewg muturi ohrajn mill-Mellieha u mill-Qawra dan tal-ahhar fil-lejl bejn is-6 u 7 ta’ Settembru 1991. Sussegwentement, flimkien mal-Ispettur Bartholomeo Mula (fol 5 et seq ibid) ix-xhud kien interroga lill-akkuzat Michael Aquilina u dan, ukoll, wara dejjem l-istess twissija

kien irrilaxxja stqarrija bil-miktub ezebita in atti a fol 46 u markata Dok PC2. Kif rizultanti minn dan id-dokument, l-istess akkuzat kien cahad li kien b'xi mod involut fis-seq tat-tlett muturi in ezami. Difatti hu qal li f'diskoteka fil-Mellieha, kien iltaqa mal-akkuzat Noel Frendo li kien qed juza mutur u kien talbu sabiex jghatih "lift" peress li kien sprovvist minn transport. In rigward l-akkuzat Noel Frendo, dan kif jidher mill-istqarrija ezebita in atti a fol 49 u markata Dok PC3 kien wiegeb jew "li ma jiftakarx" jew ghazel li ma jwegibx ghal xi domandi. Pero' dwar l-akkuzat tal-ahhar, ix-xhud kien spjega illi meta kien qed jitkellem ma' dan l-akkuzat, digja debitament imwissi, l-istess akkuzat kien informah illi "…l-mutur tal-Mellieha kien serqu". Izda meta sar konfront bejn l-akkuzati Aquilina u Frendo, dan tal-ahhar kien "…innega dak kollu li kien qalilna qabel".

Ikkunsidrat

Illi in sostenn ta' dak premess gew prodotti s-segwenti provi:-

a) PS 1296 John Mizzi (fol 56 et seq ibid) li rrakonta kif fil-"by pass" tal-Mellieha hu kien ra tlett muturi, bi tnejn minnhom b'persuna wahda fuqu waqt li l-iehor kellu tnejn minn nies fuqu. Peress li dawn infirxu, gie insegwit mix-xhud wiehed minnhom bin-numru P6193 li kien misjuq mill-akkuzat Ricahrd Cilia. Meta dan saq il-mutur fi triq bit-tarag, l-istess akkuzat inqaleb waqt li l-mutur kien habit ma' karozza u telaq l-hemm bil-mixi sakemm ix-xhud sabu, mistohbi f'parapett. Inoltre x-xhud semma' li dan l-akkuzat kien liebes "crash helmet" ahdar li hu ezebit in atti u l-istess akkuzat kien ta' mus, volontarjament, lill-Pulizija. Inoltre, x-xhud kien mar ukoll fil-lokalita tas-Salini fejn sab liz-zewg akkuzati l-ohrajn li kienu mmanettjati u waqt tfittxija fuqhom, kienu nstabu zewgt imwies. Inoltre x-xhud kien gie informat illi, skond il-Pulizija prezenti, l-akkuzat Frendo kien qed jsuq il-mutur waqt li l-akkuzat Aquilina kien passigier, liema mutur bin-numru P8198 kien ukoll fuq il-post. Dwar l-istess mutur, ix-xhud ra li kien ghadu qed jahdem u filfatt il-magna kienet intfiet mill-Pulizija "(wara) li nqalghu xi wires" (ara x-xhieda ta' PC 234 Anthony Tonna a fol 65 et seq ibid).

b) PC 576 John Cefai (fol 70 et seq ibid) irrefera wkoll ghall-mutur numru P8198 misjuq minn persuna liebsa “crash helmet” ta’ kulur iswed bl-ahdar u strixxi sofor waqt li mieghu kien hemm passigier minghajr “helmet”. Dan gie nsegwit sakemm gie mwaqqaf fis-Salini. Hawnhekk, fuq l-akkuzati Frendo u Aquilina, instabu zewg “speci ta’ flick knife” fuq kull wiehed minnhom. Inoltre x-xhud kien ra li l-mutur kien mixghul permezz ta’ “hot wiring” u specifika li kien qed jinsaq mill-akkuzat Frendo.

c) PC 517 Anthony Francalanza (fol 75 et seq ibid), fis-sustanza, xehed bhal dak li ntqali mix-xhud precedenti.

d) PS 1350 Joseph Borda (fol 88 et seq ibid) spjega li ma kien hemm ebda licenzja mahruga fuq isem it-tlett akkuzati sabiex dawn jistghu jzommu jew jgorru xi strument li jaqta’ jew bil-ponta.

e) Reuben Aquilna (fol 90 ets eq ibid) xehed dwar ir-rapport li kien ghamel dwar is-serqa tal-mutur numru Q 5940 waqt li dan kien parkegjat taht l-appartament uzat minnu fil-Qawra. L-istess serqa kienet saret bejn l-10pm u s-6.30am tas-6/7 ta’ Settembru 1991 waqt li l-istess mutur kien “…imsakkar permezz ta’ katina bil-katnazz” li instabu fuq il-post minghjar hsara. L-istess mutur kien registrat fuq ismu u kien xtrah “second hand” f’April tal-istess sena’, bil-prezz ta’ Lm250. Inoltre kien innota, meta l-mutur instab, illi dan kellu l-“indicator” ta’ wara u d-dawl ta’ wara li kienu miksurin waqt li kellu, ukoll, il-“handlebar” li kien mghawweg (ara ukoll ix-xhieda ta’ PC 646 Alfred Borg a fol 99 u ta’ PS 1450 Mario Rotin a fol 101 u fol 102 ibid).

f) Oswald Lanzon (fol 94 et seq ibid) spjega li ma kien hemm l-ebda licenzja tas-sewan mahruga fuq isem Noel Frendo u Richard Cilia.

g) William Cassar Torreggiani (fol 108 et seq ibid) espert tekniku, specifika illi l-mutur numru Q 9540 kellu valur ta’ Lm 200 u kien ra hsarat fuqu stimati Lm 90, dak bin-numru P 8198 kellu valur ta’ Lm250 b’hsarat stimati Lm15 waqt li dak bin-numru P 6193 gie stimat minnu fl-ammont

ta' Lm 190 bi hsarat ammontanti ghal Lm75. l-istess espert ghamel stima, ukoll, tal-istess tlett muturi, minghajr il-hsarat li kien ikkostata u f'dan ir-rigward hu kien stmahom, rispettivament, Lm250, Lm300 u bejn Lm250 u Lm300. (ara ukoll ix-xhieda ta' PC 1510 Michael Pace li ezebixxa tlett (3) ritatti tal-muturi involuti)

h) PS 765 Samuel Attard (fol 116 u fol 117 ibid) semma' illi fl-ghassa ta' Birkirkara, ma kien sar ebda rapport ta' serq ta' mutur numru P 6193M bejn is-6 u t-12 ta' Settembru 1991. Pero' Victor Fenech (fol 125 u fol 136 et seq ibid) xehed dwar kif kien ghamel rapport f'din l-ghassa dwar serq ta' mutur li gara bejn is-1am u s-6am, liema kaz kien inqala' fid-9 ta' Settembru 1991. Hu kien akkwistah minghand certu "Pawlu" b'kunjom li ma ftakarx bil-prezz ta' Lm 275. dwar l-istess mutur, kien ghadu kemm xtrah meta nsteraq u ma kienx ghadu registrat fuq ismu.

i) John Borg (fol 151 et seq ibid) kien l-ahhar xhud prodott mill-Prosekuzzjoni u dan bhala proprjetarju ta' mutur tal-marka Yamaha, presubilment dak bin-numru P 8198. Dan kien insteraq ghall-habta tal-11am mill-Bajja tal-Ghadira, Mellieha fejn kien gie parkeggat minnu imsakkar permezz ta' katina mdawra mar-rota. L-istess xhud gharaf dan il-mutur bhala wiehed mir-ritratti a fol 120 ibid.

Ikkunsidrat
Illi, avolja nghataw l-opportunita, l-akkuzati ma pproducew ebda prova.

Ikkunsidrat
Illi, dwar l-istqarrijiet hawn fuq imsemmija u rilaxxati mill-akkuzati, dawn gew konsiderati, biss, a bazi tal-artikoli 658, 659 u 661 tal-Kodici Kriminali fis-sens li kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, kemm bil-miktub kemm bil-fomm tista' tittiehed bi prova kontra min jkun stqarrha, taht il-kondizzjonijiet l-ohra specifikati fl-ewwel artikolu citat, li konfessjoni ma tghamilx prova hlief kontra minn jaghmilha u ma ghandhiex tkun ta' pregudizzju ghal terzi, u li xejn fl-artikolu 650 ibid ma jimpedixxi bhala prova kull

konfessjoni ohra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara konfessjoni bil-miktub.

Ikkunsidrat
Illi, dan premess, l-istqarrija rilaxxata bil-miktub minn Richard Cilia u li ma gietx kontestata ghadha tigi konsiderata, bhala prova, fil-konfront tieghu biss u mhux bhala evidenza fil-konfront tal-akkuzati l-ohrajn. Illi, minn din l-istqarrija, jirrizulta illi dan l-akkuzat kien ippartecipa attivament fis-serq tat-tlett muturi specifikati fl-akkuzi u fil-fehma tal-Qorti, fin-nuqqas ta' xi kontestazzjoni, din l-istqarrija u l-kontenut taghha hu sufficjenti sabiex dan l-akkuzat jinstab hati tas-serq tal-istess muturi, bil-kwalifiki kollha specifikati fl-akkuzi. Apparte dan, ghandu jittiehed, in konsiderazzjoni, dak li dan l-akkuzat kien stqarr verbalment mal-Ufficjal Prosekutur kif hawn fuq riportat.

Ikkunsidrat
Illi dwar l-akkuzat Noel Frendo, dan kien stqarr, verbalment, mal-istess Ufficjal Prosekutur illi kien partecipi fis-serqa tal-mutur numru F8198, liema mutur kien qed jinsaq minnu meta gie intercettat mill-Pulizija.

Illi, in rigward iz-zewg muturi l-ohrajn minn ezami u analizi tal-provi ammissibbli fil-konfront tieghu, jirrizulta li hemm dubbju gravi dettat mir-raguni dwar jekk dan l-akkuzat kienx involut fis-serq taghhom u ghalhekk jkun ahjar li dan l-akkuzat ma' jinstabx hati tal-akkuzi relattivi ghal dawn iz-zewg muturi.

Ikkunsidrat
Illi dwar l-akkuzat Michael Aquilina, mill-provi jidher li dan kien passigier fuq il-mutur F8198 misjuq mill-akkuzat Frendo. L-istess akkuzat cahad li kien involut fis-serq ta' xi wiehed mill-muturi u kien stqarr illi kien fuq dan il-mutur peress li kellu bzonn ta' passagg ("lift"). Fil-fehma tal-Qorti, tkun "unsafe" illi dan l-akkuzat jinstab hati tal-akkuza ta' serq tal-istess muturi izda hati biss in rigward il-garr tal-arma msemmija u l-akkuzi taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta’ dak premess is-serq in ezami jista’ jigi konsiderat bhala reat kontinwat fil-konfront tal-akkuzat Richard Cilia biss.

Illi, inoltre l-akkuza ta ricettazzjoni moghtija bhala akkuza alternattiva ghas-serq ma tistax treggi.

Illi, dwar l-akkuza ta’ hsara volontarja, din tista’ treggi, fil-konfront ta’ Richard Cilia, in rigward hsarat kagunati sabiex tkun tista’ titwettaq is-serqa tal-muturi in ezami liema hsara, certament, ma eccedietx il-valur ta’ Lm50. Difatti wiehed jista’ jghid illi parti sostanzjali tal-istess hsara giet kagunata involontarjament, meta dan l-akkuzat, fit-tentattiv li jahrab mill-Pulizija, inqaleb u habat bil-mutur misruq li kien qed jsuq. In rigward l-istess akkuza fil-konfront ta’ Noel Frendo, dan li ghadu kemm intqal jista’ jreggi biss vis-à-vis il-mutur li kien qed jsuq meta gie intercettat mill-Pulizija waqt li fil-konfront ta’ Richard Cilia, dina ma tistax treggi.

Illi in rigward l-akkuzi kollha l-ohra, dawn gew pruvati fil-konfront tal-akkuzati kollha.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti issib;

1. Iill-akkuzat Richard Cilia mhux hati tal-akkuza ta’ ricettazzjoni waqt li hu hati tal-akkuzi kollha rimanenti u dan talli b’diversi b’diversi atti maghmulin ukoll fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, talli:

(a) matul il-lejl ta’ bejn is-6 u s-7 ta’ Settembru, 1991, minn Bugibba limiti ta’ San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta’ mutur tal-marka Suzuki li jgib in-numru tar-registrazzjoni Q-5940M, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur, hin, lok, xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Reuben Aquilina minn Qormi u

(b) talli matul il-lejl bejn it-8 u d-9 ta’ Settembru, 1991, minn B’Kara ikkommetta serq ta’ mutur tal-marka Suzuki li jgib in-numru tar-registrazzjoni P-6193M, liema serq huwa

kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur, hin, lok u xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Victor Fenech minn B’Kara u

(c) talli matul il-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Settembru, 1991, mill-Mellieha Bay limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq ta’ mutur tal-marka Yamaha Dt li jgib in-numru tar-registrazzjoni P-8198M, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur, hin, lok, xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ John Borg mill-Mellieha u

(d) talli fl-istess zminijiet, postijiet u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe il-muturi li jgibu numri tar-registrazzjoni Q-5940M, P-6913M u P-8198M ghad-detriment tas-sidien taghhom, liema hsara teccedi l-Lm50 izda ma teccedix il-Lm500 fl-ammont taghha u

(e) talli fil-Mellieha u bnadi ohra f’dawn il-gzejjer zamm u garr strumenti li jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u

(f) talli fil-Mellieha u bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, m’obdiex l-Ordnijiet Legittimi tal-Pulizija, persuni nkarigati minn servizz publiku waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom u

(g) talli fil-Mellieha u bnadi ohra f’dawn il-gzejjer fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Settembru, 1991, u fix-xhur ta’ qabel saq mutur minghajr licenzja tas-sewqan b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta’ jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni
u dan skond l-artikoli
i) fl-artikoli 18, 261(a)(b)(c)(e)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 271(g), 276, 277(b), 279, 334, 325, 338(ee) tal-odici Kriminali
ii) fl-artikoli 2, 3, 19 tal-Kapitolu 66
iii) fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65
iv) fl-artikolu 3(1)(2) tal-Kapitolu 65

2. Lill-akkuzat Noel Frendo mhux hati tal-akkuzi in rigward is-serq tal-muturi numru Q5940 u P8198 kif ukoll ta’

ricettazzjoni. Issibu hati izda mhux bhala reat kontinwat tal-akkuzi rimanenti u dan

a) talli matul il-lejl bejn it-8 u d-9 ta' Settembru, 1991, minn B'Kara ikkommetta serq ta' mutur tal-marka Suzuki li jgib in-numru tar-registrazzjoni P-6193M, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur, hin, lok u xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Victor Fenech minn B'Kara u

b) talli fl-istess zminijiet, postijiet u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe il-muturu li jgibu numri tar-registrazzjoni Q-5940M, P-6913M u P-8198M ghad-detriment tas-sidien taghhom, liema hsara teccedi l-Lm50 izda ma teccedix il-Lm500 fl-ammont taghha u

c) talli fil-Mellieha u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer zamm u garr strumenti li jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u

d) talli fil-Mellieha u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, m'obdiex l-Ordnijiet Legittimi tal-Pulizija, persuni nkarigati minn servizz publiku waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom u

e) talli fil-Mellieha u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Settembru, 1991, u fix-xhur ta' qabel saq mutur minghajr licenzja tas-sewqan b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni
u dan skond l-artikoli
i) fl-artikoli 18, 261(a)(b)(c)(e)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 271(g), 276, 277(b), 279, 334, 325, 338(ee) tal-odici Kriminali
ii) fl-artikoli 2, 3, 19 tal-Kapitolu 66
iii) fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65
iv) fl-artikolu 3(1)(2) tal-Kapitolu 65

3. Lill-akkuzat Michael Aquilina mhux hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) tat-tielet (3), tar-raba (4), tal-hames (5) akkuzi izda hati tar-rimanenti akkuzi ossija

a) talli fil-Mellieha u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer zamm u garr strumenti li jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u

b) talli fil-Mellieha u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, m'obdiex l-Ordnijiet Legittimi tal-Pulizija, persuni nkarigati minn servizz publiku waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom
u dan skond l-artikoli 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 2,3 u 19 tal-Kapitolu 66 citat.

In rigward il-piena, jigi rilevat illi l-akkuzat Noel Frendo kellu biss tmintax-il (18) sena waqt li l-akkuzati kollha kemm huma kellhom fedina penali netti u nadifa ghal kollox. Ghalhekk in rigward l-akkuzi dwar serq, l-akkuzati Cilia u Frendo ghandhom jigu konsiderati bhala "first offeneders" b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant in rigward dawn l-akkuzati, il-Qorti tordna li l-akkuzati Noel Frendo u Richard Cilia jigu liberati bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum. In rigward l-akkuzi l-ohrajn li tagghom instabu hatja, kif hawn fuq premess, il-Qorti tikkundanna lill-akkuzati Richard Cili u Noel Frendo ghall-hlas ta' multa ta' Lm 300 ossija Euro 698.81 kull wiehed waqt li tikkundanna lill-akkuzat Michael Aquilina ghall-hlas ta' Lm 50 ossija Euro 116.47 minghajr l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan rispettivi. Inoltre l-Qorti tordna il-konfoska tal-armi bil-ponta nvoluti f'dan il-kaz. Inoltre l-Qorti tordna lill-akkuzati jhallsu solidalment bejniethom l-ispejjez kollha in rigward in nomina ta' espert kif hawn fuq premess skond l-artikolu 533 citat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------